MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2014

Avviz Numru. 405/2012

**Alexander Manche'**
**(ID 18175A)**

**vs**

**Raymond Abdilla**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ippresentat fit-3 ta' Dicembru 2012 fejn ir-rikorrent, ghamel referenza ghall-artikolu bit-titolu "Il-Kirurgu Alex Manche' mixli bi qtil involontarju ta' pazjent" ippubblikat fuq is-sit elettroniku "Maltarightnow" fis 6 ta' Dicembru 2011li tieghu l-intimat kien l-awtur, u, filwaqt illi talab lill-Qorti tiddikjara illi l-kontenut tieghu huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrent u ghandu l-iskop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tar-rikorrent, talab lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-istess intimat ihallas lir-rikorrenti danni a tenur ta' l-artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat l-artikolu meritu tal-kawza odjerna.

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresentat fl-14 ta' Jannar 2013 fejn eccepixxa, preliminarjament, illi l-pubblikazzjoni kienet privileggjata a tenur tal-Art 33 (d) tal-Kap 248. Huwa sahaq ukoll illi ma kellux l-animus injuriandi u rrapporta dak li attwalment gara quddiem il-Qorti filwaqt illi insista li, hekk kien ir-rikorrent ilmenta dwar dina l-pubblikazzjoni, dina tnehhiet minn fuq il-website fl-istess jum tal-pubblikazzjoni. Finalment, fuq il-meritu, huwa qajjem id-difiza tal-verita' tal-fatti.

Rat illi fl-4 ta' Frar 2013, il-Qorti ordnat li jingiebu provi unikament dwar l-ewwel eccezzjoni u ghalhekk ordnat il-kapovolgiment tal-provi.

Semghet ix-xhieda ta' l-intimat **Raymond Abdilla** moghtija fid 19 ta' April 2013.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Dicembru 2011 fil-proceduri "Il-Pulizija (Spettur Kevin J Farrugia u Spettur Sandro Camilleri) kontra Alexander-Roger Manche'" ippresentata mir-rikorrent fuq ordni tal-Qorti fit 13 ta' Mejju 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Waylon Johnson**, gurnalist tal-gazzetta The Times, presenti flimkien ma' l-intimat meta tressaq quddiem il-Qorti ir-rikorrent, moghtija fil 31 ta' Mejju 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Gaetano Micallef**, gurnalist tal-gazzetta L-Orizzont, presenti flimkien ma' l-intimat meta tressaq quddiem il-Qorti r-rikorrent, moghtija fit 8 ta' Lulju 2013.

Rat l-akkuzi mressqa kontra ir-rikorrent, ppresentati pernezz ta' nota mir-rikrorenti fit 23 ta' Settembru 2013, liema akkuzi gew sigillati minn dina l-Qorti u ma ghandhom ikunu accessibbli lill hadd salv il-partijiet.

Rat illi fit 8 ta' Novembru 2013, l-intimat iddikjara illi ma kellhux aktar provi x'jippresenta filwaqt illi l-Qorti giet mgharrfa illi l-partijiet kienu qed jippruvaw jittransigu l-kaz.

Rat illi fl-20 ta' Jannar 2014 il-Qorti giet infurmata illi transazzjoni ma sehhietx u ghalhekk il-kawza giet differita ghal finali trattazzjoni.

Semghet it-trattazzjoni orali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, wara liema trattazzjoni il-kawza giet differita ghal sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni imressqa mill-intimat.

**Ikkunsidrat**

Kif indikat aktar il-fuq, il-Qorti, fis-sentenza odjerna, ser tikkunsidra biss l-ewwel eccezzjoni imressqa mill-intimat, ossija illi, a tenur ta' l-artikolu 33 (d) tal-Kap 248, ma tista tittiehed ebda azzjoni kontra l-intimat dwar il-pubblikazzjoni illi saret peress illi hija privileggjata.

L-artikolu 33 (d) tal-Kap 248 jipprovdi illi s-segwenti pubblikazzjoni ghandhom jitqiesu bhala privileggjati:

> "pubblikazzjonijiet ta' rapporti ta' proċedimenti f'qorti tal-ġustizzja f'Malta, kemm-il darba dawk ir-rapporti jkunu rapporti ġusti tal-proċedimenti u l-pubblikazzjoni ta' dawk ir-rapporti jew proċedimenti ma tkunx projbita b'liġi jew mill-qorti:"

**Ikkunsidrat**

Mill-fatti prodotti quddiem dina l-Qorti, ossija x-xhieda prodotti mill-intimat u, aktar importanti, il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Dicembru 2011, meta tressaq ir-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja, jirrizultaw is-segwenti fatti:

Ghal habta tal-hdax ta' filghodu, ir-rikorrent tressaq permezz ta' citazzjoni b'akkuzi li b'nuqqas ta' hsieb, traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkaguna l-mewt ta' persuna.

Hekk kif tressaq il-Qorti ir-rikorrent, l-intimat, flimkien mal-kollegi tieghu tat-Times of Malta u l-Orizzont, Waylon Johnson u Gaetano Micallef, illi kienu inghataw hjiel li kien ser jitressaq ir-rikorrent, kienu presenti fl-Awla sabiex jirraportaw dak li kien qieghed jigri.

Kif issejhet il-kawza, dehru l-Ufficjali Prosekuturi Spettur Kevin J Farrugia u Spettur Sandro Camilleri u ir-rikorrent, imputat f'dik il-Qorti, assistit minn Dr Giannella Demarco.

Id-difiza imbghad talbet illi l-kawza tinstema bil-maghluq u, wara illi l-Prosekuzzjoni ma sabet ebda oggezzjoni, il-Qorti laqghat it-talba fid-dawl ta' l-artikolu 517 tal-Kap 9.

Hekk kif tali talba intlaqghet, l-intimat flimkien mal-gurnalisti l-ohra intalbu johorgu mill-awla u, di fatti, hekk ghamlu.

Sussegwentement, waqt illi l-kawza kienet ghadha ghaddejja, fil 11.54.28am ta' dakinhar stess, l-intimat irrapporta fuq is-sit elettroniku *maltarightnow.com* dwar il-fatt illi tressaq ir-rikorrent.

L-artikolu kien jghid dan li gej:

> “Il-kirurgu tal-qalb Alex Manche beda ghaddej proceduri quddiem il-Magistrat Edwina Grima dwar neligenza li wasslet ghal mewt ta’ persuna waqt operazzjoni tal-qalb. Kien ghall-habta tal-hdax ta’ fiilghodu li l-kirurgu Manche wiegeb mhux hati ta’ qtil involontarju u tressaq il-Qorti mill-Ispetturi Kevin Farrugia u Sandro Camilleri.
>
> Hekk kif kien se jibda jinstema l-kaz l-Avukat Giannella Demarco talbet lill-Qorti biex il-kaz jinstema bil-maghluq, bit-talba taghha ma tigix kkontestata mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk il-Magistrat Edwina Grima laqghet it-talba u talbet ghall-izgumbrament tal-awla. Il-kirurgu Manche’ tressaq wara li pazjent miet waqt li kien qed jigi operat u saret inkjesta li kkonkludiet li kien sar zball minn naha tal-kirurgu, liema zball kien wiehed fatali.”

Jirrizulta illi artikolu simili ttella wkoll fuq is-sit elettroni tal-gazzetta timesofmalta.com.

Jirrizulta illi eventwalment, waqt is-smigh tal-kawza bil-maghluq quddiem il-Qorti, wara illi sar l-ezami tar-rikorrent u xehdu l-Ispettur Mario Tonna, il-Professur Marie Therese Camilleri, Dr Ali Safraz u Dr Mario Scerri, il-Qorti ghaddiet biex taghmel is-segwenti ordni:

> “Il-Qorti tordna divjett fuq il-pubblikazzjoni tal-atti kollha tal-kawza u qieghda tordna li l-kawza ma tigix imxandra fil-mezzi kollha tax-xandir u tal-gazzetti lokali”

Jirrizulta, mix-xhieda prodotta, illi hekk kif is-seduta intemmet, l-intimat flimkien maz-zewgt gurnalisti l-ohra isejjhu minn wiehed mill-avukati tar-rikorrent, li kien jidher kemmxejn kontrarjat, sabiex imorru minnufih ghand il-Magistrat Inkwirenti peress illi riedet tkellimhom u l-gurnalisti gew infurmati minnha illi kien hemm divjet fuq il-pubblikazzjoni u ghalhekk kellhom jiehdu hsieb li jnehhu l-artikolu minn fuq is-siti elettronici minnufih.

Jirrizulta illi kemm l-intimat kif ukoll il-korrispondent tat-Times minnufih ikkomunikaw ma’ l-edituri taghhom sabiex inehhu l-artikolu minn fuq is-sit elettroniku, liema fatt sar ftit wara.

**Ikkunsidrat**

Mill-fatti kif prodotti jirrizulta illi l-kaz odjern huwa kaz infelici dedatt kemm mill-avvanz tat-teknologija ta' l-informatika ta' llum kif ukoll mill-fatt illi kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza, fis-sottomissjoniet taghhom sabiex jwasslu lill-Qorti biex tisma l-kaz b'mod privat, naqsu milli jindikaw lill-Qorti illi kien jentieg mhux biss illi l-kawza tinstema bil-maghluq izda wkoll li dak li kien gara sa dak il-hin ma jigix rappurtat mill-mezzi tax-xandir.

Jirrizulta bhala fatt illi l-verbal fejn inghata id-divjet tal-pubblikazzjoni sar fl-assenza ta' l-intimat u l-gurnalisti l-ohra illi mieghu kienu qed jirrappurtaw il-kaz wara illi huma kienu nhargu mill-awla u l-intimat flimkien l-kollegi tieghu gie a konjizzjoni ta' tali divjet **biss wara** illi ssejjhu sabiex tigi lilhom kkomunikata tali divejt mill-Magistrat Inkwirenti, li gustament sejjithielhom wara illi gie lilha rilevat, probabilment mill-avukati tar-rikorrenti, illi l-proceduri kienu gia qed jidhru fuq il-media 'on line'.

Il-Qorti tosserva wkoll illi ghalkemm il-Qorti kienet laqghet it-talba li l-kawza tinstema bil-maghluq fid-dawl ta' dak previst fl-artikolu 517, ir-Registratur kien naqas milli jottempera ruhu mad-dettam tal Ligi.

Di fatti, l-Artikolu 517 (1) jipprovdi illi:

> Kull qorti ta' ġustizzja kriminali tista', b'ordni iffirmat mir-reġistratur u mwaħħal fil-bieb tal-edifizzju li fih il- qorti toqgħod, tipprojbixxi l-pubblikazzjoni, sa ma l-kawża tispiċċa, ta' kitba, stampata jew le, dwar ir-reat li fuqu tkun miexja l-kawża, jew dwar il-persuna tal-imputat jew akkużat

Huwa fatt illi tali ordni ma gietx imwahhala mal-bieb tal-Awla u lanqas iffirmat mir-Registratur, haga illi attwalment qatt ma ssir fil-prattika meta tintalab li ssir kawza bil-maghluq.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi prodotti, partikolarment l-artikolu meritu tal-kawza odjerna u l-akkuzi ppresentati quddiem dina l-Qorti migjuba kontra ir-rikorrent, dak li kien irrapportat fil-gazzetta kien rapport gust tal-procedimenti.

Jirrizulta wkoll illi, malli l-intimat sar jaf illi kien hemm id-divjet tal-pubblikazzjoni, huwa minnufih ghadda sabiex jirrimedja ghal tali ordni billi avza lill-editur tieghu sabiex inehhi l-artikolu mill-edizzjoni elettronika, ghal liema fatt ma ngiebet ebda prova biex turi li dana ma sehhx.

**Ikkunsidrat**

Illi kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "**Victor Aquilina vs L-Avukat Generali et**" deciza fl-24 ta' Mejju 2007, b'referenza ghal dak li jistabilixxi Gately fil-principji minnu enuncjati fil-ktieb "On Libel and Slander"

> "Illi dwar il-privilegg jew immunita' minn azzjoni wara pubblikazzjonijiet dwar dak li jseħħ waqt smigħ ta' kawża quddiem Qorti, jingħad li biex rapport jitqies li huwa "rapport gust tal-procedimenti", m'għandux għalfejn ikun kelma b'kelma ta' dak kollu li jkun sar jew ingħad waqt is- smigħ tal-każ li jkun. Lanqas ma jitlef il-privileagg li jħaddan jekk kemm-il darba jkun fih xi ineżattezzi żgħar jew iħalli barra xi ħwejjeg ckejknin, sakemm ir-rapport fil- qafas tiegħu kollu jkun jagħti stampa cara ta' dak li jkun seħħ. Fuq kollox, "*where the inaccuracy is of a substantial kind, the report is not privileged although the publisher exercised reasonable care and diligence in endeavouring to ascertain the facts, and though the mistake was an honest mistake*";"

Fil-kaz odjern ma ingiebet ebda prova biex turi illi kien hemm xi inezattezzi grossolani fir-rappurtagg illi b'xi mod setghu jaghtu stampa differenti minn dak li attwalment kien qed isehh fil-Qorti dak il-hin.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ma' tistax ma tinnutax, kif gia indikat, illi l-kaz odjern huwa kaz sfortunat dettat mill-possibbilta', fil-gurnata ta' llum, illi stejjer ta' importanza pubblika jigu resi pubblici b'mod immedjat u istantaneju fuq il-mezzi ta' xandir informatika u socjali, realta' illi aktar ma jghaddi z-zmien aktar qieghda tigi rikjesta mill-pubbliku, u li ghal tali rikjesta il-media, kemm internazzjonali kif ukoll lokali, qieghda tadegwa ruhha.

Madanakollu, minn dak kollu ippresentat quddiemha, jidher illi l-pubblikazzjoni ta' l-intimat jinkwadra ruhu fid-definizzjoni ta' publikazzjoni privileggjata kif stabbilita fl-Artikolu 33 (d) tal-Kap 248, peress illi dak irrapportat kien riflessjoni tal-procedimenti illi kienu qed isiru sa' l-hin illi nbghat

barra l-intimat u ma kien hemm ebda proibizzjoni tal-publikazzjoni sa l-ahhar tas-seduta, meta l-istorja kienet gia dehret fuq il-media elettronika.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u qieset fid-dettal il-provi kollha imressqa,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi u tiddeciedi billi

Tilqa’ l-ewwel eccezzjoni ta’ l-intimat u tiddikjara illi l-pubblikazzjoni kienet wahda privileggjata a tenur ta’ l-artikolu 33 (d) tal-Kap 248 u ghalhekk

Tichad it-talbiet attrici.

In vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz, il-kawza ghandha tibqa bla taxxa.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------